# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **22 TA' APRIL 2018**

**Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis**

Illum is-Sibt 21 ta' April 2018 fis-7:15pm adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu u wara quddiesa fit-8.00pm. Inħeġġukom sabiex tattendu.

**Il-Ħadd 22 ta' April 2018 – Jum il-Vokazzjonijiet u Jum l-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu.**

Għada fid-9.00am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu ma' erba' żgħażagħ li ser jiġu ordnati djakni fil-Katidral tal-Imdina.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Għada l-Ħadd 22 ta' April 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Mixja favur il-Ħajja**

Għada l-Ħadd 22 ta' April 2018 l-Isqfijiet qed jistiednu lil kulħadd għall-mixja favur il-ħajja organizzata minn *LifeNetwork*. Il-mixja tibda fl-4.00pm minn ħdejn Kastilja il-Belt Valletta sa quddiem il-Parlament.

**Tberik tal-Familji**

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 23 ta' April 2018**
Triq il-Granmastri, Triq is-Sallur, Triq Agata Barbara u Triq Paul Briffa
**It-Tlieta 24 ta' April 2018**
Triq is-Silla
**L-Erbgħa 25 ta' April 2018**
Triq il-Kavallieri ta' Malta
**Il-Ġimgħa 27 ta' April 2018**
Triq Dolmen, Triq il-Majjistral u Triq ix-Xmiel

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 23 ta' April 2018 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Grupp Armar tal-Parroċċa**

Il-Ħamis 26 ta' April 2018 il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa ser jorganizza *Coffee Morning*.

**Għaqda Mużikali Sant'Anna**

Is-Sibt 28 ta' April 2018 fit-8.00pm l-Għaqda Mużikali Sant'Anna qed torganizza *Buffet Pasta Night*.

**It-Tielet Laqgħa dwar it-Talb**

It-Tlieta 1 ta' Mejju 2018 immiss it-tielet laqgħa ta' formazzjoni dwar it-Talb li flimkien bħala Parroċċa qed norganizzaw matul din is-sena. Fit-8.15am nitilqu minn quddiem is-Sala Sant'Anna u fid-9.00am nibdew il-laqgħa tagħna b'quddiesa fid-9.00am. Il-laqgħa ser titmexxa minn Fr Jimmy Bonnici u tintemm fin-12.30pm bl-ikel. Filwaqt li nħeġġu lil kulħadd sabiex tingħaqdu magħna jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija.

***Snooker Tournament* fis-Sala San Ġwakkin**

Is-Sibt 5 ta' Mejju 2018 ser jiġi organizzat *Snooker Tournament* fis-Sala San Ġwakkin għall-adolexxenti u żgħażagħ mis-7.00pm 'il quddiem. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw jiktbu isimhom fis-Sagristija.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.